# QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI

# IMĦALLEF

# ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 17 ta’ Frar 2016**

**App. Nru. 347 / 2011 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Emanuel Farrugia, detentur tal-karta ta’ l-identita` Maltija numru 4763(G) talli:

(1) F’Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’mezz ta’ rigali, wegħdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom korrompew uffiċjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minħabba dan, dan l-uffiċjal fid-Departiment tal-VAT naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;

(2) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, talab, irċieva, jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta’ xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan

li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Emanuel Farrugia għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju 2011 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Emanuel Farrugia ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom u, wara li rat l-artikoli 42, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu tlettax-il xahar priġunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) ta'l-istess Kapitolu 9 ikkundannatu għal hlas ta' multa fl-ammont ta' €4,596.74. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatu wkoll biex fi żmien sena jħallas is-somma ta' €1,424.47 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuel Farrugia ppreżentat fl-4 ta' Awwissu 2011 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

In linea sussidjarja u f'każ li din il-Qorti jidhrilha li għandha tikkonferma s-sejbien ta' ħtija għar-rigward tat-tielet imputazzjoni, talab li din il-Qorti timmodifika l-piena inflitta billi tirriduċiha, inkluż ukoll billi l-piena karċerarja effettiva tiġi mibdula f'waħda sospiża, u dan tenut kont tal-fatti tal-każ kif sottolineati f'dan l-appell inklużukoll il-fedina penali kważi netta tal-appellant u l-fatt li l-appellant ikkollabora bis-sħiħ mal-pulizija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (a) Huwa nstab ħati bhala kompliċi fir-reat ta' truffa u dan meta huwa ma kellux l-intenzjoni rikjesta (il-*common design*) biex flimkien mal-awtur prinċipali tal-allegat reat huwa jiffroda lil Gvern ta' Malta. Lanqas ma ppparteċipa jew xjentement għen b'xi mod lill-awtur prinċipali fil-kommissjoni attwali tar-reat. Anzi s-sejbien ta' ħtija tiegħu kien bażat fuq sempliċi supposizzjonijiet li bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jissodisfaw l-livell ta' prova rikjesta għas-sejbien ta' ħtija f'kawżi kriminali; (b) mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatti specie tal-każ ma jinkwadrawx fir-reat komplut ta' truffa għaliex effettivament ma sar l-ebda qliegħ għad-dannu tal-Gvern ta' Malta u inoltre l-appellant qatt ma kellu f'moħħu li jieħu flus li hu ma kellux dritt għalihom; (c) mingħajr preġudizzju għall-aggravji sollevati, il-fatt li ġiet inflitta piena karċerarja effettiva kien eċċessiv tenut kant tal-fattispecie ta' dan il-każ in partikolari l-fatt li effettivament l-appellant ma ggwadanja l-ebda vantaġġ għalih, il-fatt li huwa gġandu fedina penali kważi netta u l-fatt li kollabora bis-sħiħ mal-Pulizija u fl-istqarrija anke għaddielhom informazzjoni utili għall-każ;

**6.** Dwar <u>l-ewwel aggravju</u> l-appellant jirreferi fl-ewwel lok għal dak li jsejjaħ in-nuqqas ta' *common design* u s-supposizzjonijiet li fuqhom ġiet bażata d-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija. L-appellant jgħid:

> "Sabiex wiehed jitqies li huwa komplici f'reat, huwa essenzjali li huwa jkollu l-intenzjoni li iwettaq dak ir-reat u li hu jaghmel xi haga b'mod li jasal sabiex jitwettaq dak ir-reat. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jispjega li: *'The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and to have done something towards committing it'.*[1] Il-Professur Mamo jkompli jispjega li wiehed ma jistax jitkellem fuq komplicita` u per konsegwenza fuq responsabbilita` kriminali jekk I-element intenzjonali tar-reat ikun nieqes. Infatti

[1] 'Mamo A., Lectures in Criminal Law, Vol. I, pg 124.

jispjega li: *'A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of assisting the perpetration of that offence. Thus if a man does an innocent act of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.'*[2] Jones and Christie jsostnu li biex nitkellmu fuq *art and part guilt,* irid ikun hemm bil-fors *'a common purpose'*. Jispjegaw li: *'This requires actual knowledge or reasonable anticipation, on the part of the aider. A common purpose cannot be established by evidence that the accused 'may have known what the other... might have been doing'. If the common purpose or plan cannot be established, then the principle of art and part guilt cannot be invoked and each accused has to be judged on the basis of his own actions and not those of his co-accused or of anyone else.'*[3]

"Antolisei, huwa u jikkummenta fuq il-Kodici Kriminali Taljan, jaghmilha cara li sabiex jkun hemm il-komplicita` huwa necessarju li jkun hemm dak li huwa jsejjah: *'volonta` di cooperare al fatto che costituisce il reato'*.[4] Dan jimplika li jrid jkun hemrn zewg elementi fundamentali: *"1) in primo luogo, la conoscenza o la rappresentazione delle azioni che altre persone hanno esplicato, esplicano o esplicheranno per la realizzazzione del fatto che si ha di mira; 2) in secondo luogo, la volonta` di contribuire col proprio operato al verificarsi del fatto medesimo."*[5]

"L'Antolisei jkompli jghid li: 'La consapevolezza del concorso altrui e` indispensabile, perche` gli effetti delle azioni umane some innumerevoli e spesso si intrecciano fra loro, concorrendo a determinare gli stessi risultati. Se i vari soggetti operano l'uno all'insaputa dell'altro, le rispettivi azioni difettano di ogni legame: sono del tutto indipendenti, e percio` non possono dar vita a quel cornplesso unitario che e` nell'essenza dell'istituto di cui ci stiamo occupando . . . . Oltre all' elemento conoscitivo . . . occorre la volonta` di contribuire col proprio operato allo realizzazzione del fatto. **Tale volonta` e` indispensabile, perche` altrimenti mancherebbe quella convergenza ad unico risultato, che consente di considerare comune a tutti i compartecipi e propria di ciascuno di essi l'attivita` che ha dato origine al reato.**' [6]

"Applikati l-principji legali ghall-kaz in ezami jirrizultaw is-segwenti punti krucjali:

(a) Il-punt ta' tluq tal-appellant kien li huwa jiehu r-rifuzjoni tal-VAT imhallsa minnu barra minn Malta f'pajjizi tal-Unjoni Ewropea, haga li hija kompletament

---

[2] *Ibid* pg 125.
[3] Jones TH & Christie MGA., Greens Concise Scots Law - criminal Low, Sweet & Maxwell, 2~ Edition, (1996), pg 127.
[4] Antolisei F., Manuale di Diritto Penali — Porte Generale, 15ma Edizione, (Milano, Dott. A Giuffre' Editore) 2000, pg 565.
[5] *Ibid* 565.
[6] *Ibid* 566.

legali. Tant hu hekk Ii illum il-gurnata id-Dipartiment tal-VAT ghandu mekkanizmu sabiex jghin lill-persuni koncernati sabiex huma jiehdu r-rifuzjoni ta' VAT imhallsa minnhom barra minn Malta. Dan billi jaghmlu semplici applikazzjoni mad-Dipartiment stess.[7] Kuntrarju ghall-impressjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti taghti fis-sentenza taghha, l-appellant ma kellu **l-ebda intenzjoni** biex jipprova jgib ammonti li ma kinux dovuti lilu jew inkella li ma jhallasx taxxa li hija dovuta minnu. Kif hareg kemm mill-istqarrija kif wkoll mix-xhieda tieghu stess quddiem l-Ewwel Qorti, huwa kien ilu jaghmel tentattivi biex huwa jipprova jgib dawn ir-*refunds* ta' barra. L-appellant xehed li dawn il-flus kienu jghidulu li intilfu u mhux li fil-principju ma kienx intitolat ghalihom:

"'Dif: lnti fejn kont tahdem allura bit-truck tieghek?

"'Xhud: Fl-Ewropa l-ItaIja, Ingilterra, Belgium, Olanda dawk il-postijiet.... Ghax jiena ghedtlu diga` pruvajt ingibhom ghedtlu dejjem jghiduli intilfu. Per ezempju l-accountant tieghi ma setax ghax forsi ma setax, qed tifhem. Ghidtlu ma nafx x'ha naqbad naghmel jiena. Qalli naf persuna qalli forsi jista' jgibhomlok ta' barra.'[8]

"Meta l-appellant kien b'mod kazwali qieghed jitkellem ma' Michael Bonnici, dan tal-ahhar iggwidah biex imur ghand Salvu Micallef peress li Micallef seta' jghinu biex igib dawn il-flus ta' barra. Fl-istqarrija tieghu Emanuel Farrugia jistqarr li: *"Kont mort mal-lavrant ghandu u kont kellimtu fuq din il-problema. Qalli li kien se jipprova jirrangali. Hu kien spjegali li kien accountant u fil-fatt jiena hekk hsibt bil-mod ta' kif kien armat l-ufficju."*[9] Ma kienx korrett ghalhekk dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti li Farrugia fl-ebda hin ma jirreferi ghal Micalief bhala *accountant*;[10] Farrugia lil Micailef hasbu *accountant*!!

"Minn kif sehhew l-affarijiet, johrog bic-car li l-imputat innocentement spicca imkaxkar f'cirku fejn terzi persuni, inkluz Salvu Micallef, ippruvaw jiehdu vantagg mis-sitwazzjoni personali tieghu, mill-ingenwita` u l-innocenza tieghu biex huma jaghmlu qliegh personali. F'mohhu l-esponenti ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel xi haga li hija kontra l-ligi; anzi dak li kellu f'mohhu kienet xi haga li hija purament legali u possibbli u fil-fatt anke shabu xufiera tat-trakkijiet kien irnexxielhom jiehdu r-rifuzjoni tal-VAT. Minn analizi tal-fatti tal-kaz huwa car li l-*common design* huwa nieqes ghal kollox ghax l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jghin lill-awtur principali tar-reat u cioe` lil Salvu Micallef fl-azzjonijiet tieghu biex dan tal-ahhar jipprova jiffroda lill-Gvern ta' Malta. L-appellant keilu f'mohhu li jgib biss dak li huwa kien intitolat ghalih.

---

[7] Avviz Legali 132 u 133 tal-2009. Pubblikat fl-24 ta' April 2009. Dawn l-avvizi legali dahlu fis-sistema legali Maltija dak li gie riferut bhala EU VAT Package addottat fi Frar 2008 mill-pajjizi tal-Unjoni Ewropea.
[8] Xhieda ta' Emanuel Farrugia moghtija fis-seduta tat-23 ta' Frar 2012, pagna 2.
[9] Stqarrija tal-Imputat, fol. 416.
[10] Pagna 4 tas-sentenza.

"It-tieni punt li wkoll ikompli jikkonferma kif l-element intenzjonali huwa nieqes kompletament kien li Emanuel Farrugia ma kienx jaf kif kien sejjer jaghmel Salvu Micallef biex jirrangalu. Dan ikkonfermah l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija fejn iddikjara li hu ma kienx saqsa lil Salvu kif kien sejjer jirrangalu. Waqt ix-xhieda tieghu fis-seduta tat-23 ta' Frar 2011 quddiem l-Ewwel Qorti, Farrugia jiddikjara li dan Salvu kellu jiktiblu xi ittri: *'li mbaghad qalli, qalli nippruvalek ingibhomlok qalli pero' mhux daqshekk malajr qalli ghax irridu nibaghtu hafna ittri peress li ghadda hafna zmien'*.[11] Ma ingabet l-ebda prova, lanqas wahda cirkustanzjali, li b'xi mod tista' titfa' dawl li l-appellant kien konxju tat-tbaghbis li kien qieghed isir ad opera ta' Salvu Micalief u li l-appellant ikkontribwixxa b'xi mod f'dan it-tbaghbis. Aktar importanti minn hekk I-appellant lanqas biss kellu konoxxenza tal-persuni l-ohra allegatament involuti fic-cirku u cioe` Alfred Mallia, Jesmond Abela u Nigel Abela. Bir-rispett kollu is-supposizzjoni tal-Qorti li Farrugia kien jaf li *'Is-soluzzjoni li tah Micallef kien li jikkrea kreditu immaginarju li permezz tieghu seta' jpaci t-taxxa dovuta'* ma tohrogx mill-atti u lanqas jesistu cirkustanzi li jistghu jippuntaw jew jaghtu fundament lil din is-supposizzjoni; Farrugia kien ghal kollox fl-aghma ta' dak li kien qieghed isir, aktar u aktar meta hu kien il-bicca l-kbira jkun barra minn Malta minhabba n-natura tax-xoghol tieghu. L-appellant ma kien qatt sejjer jaghti prokura bil-miktub lil Micallef Ii kieku kien jaf bit-tattici li kien qieghed juza Micallef biex jgib il-krediti.

"Ta' min jenfasizza wkoll li din l-istqarrija tal-appellant ittiehdet fi zmien meta kien ghadu ma dahalx id-dritt li persuna tikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja taghha qabel taghzel li taghti stqarrija lill-Pulizija. **<u>Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li fl-istqarrija tieghu l-appellant kien qieghed jahbi xi fatt materjali ta' rilevanza x'hin iddikjara li huwa ma kienx jaf kif Micallef kien sejjer jirrangalu.</u>** Kif anke wkoll xehed l-appellant, meta baghtu ghalih id-Depot hu anqas biss kien jaf fuq xiex kienu sejrin ikellmuh. Kien dakinhar li mar id-Depot li sar jaf bl-istorja u b'dak li kien gara u fiex kien qieghed jigi implikat huwa. Min-naha tal-appellant dakinhar li mar id-depot huwa ikkollabora bis-shih mal-Pulizija u anke ipprovda l-informazzjoni kollha necessarja lill-istess Pulizija u wiegeb kull mistoqsija li saritlu."

7. L-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu jgħid ukoll li huwa ma pparteċipax fil-kommissjoni tar-reat. Jgħid:

"L-appellant qieghed jigi akkuzat b'komplicita` taht il-paragrafu (b) u (d) ta' artikolu 42 tal-Kapitolu 9 u cioe` li huwa irrenda ruhu komplici billi gieghel permezz ta' rigali, weghdiet jew b'xi mod iehor xjentement ghen jew assista lill-awtur principali tad-delitt. Rigward ir-rigali u l-weghdiet dawn jridu jkunu intizi: *'to foster in the person instigated the will to commit the offence and to supply the necessary impulse for so doing by overcoming the natural repugnance which everyone feels to wrong-doing and to the consequent punishment.'*[12] Rigward il-modalita` l-ohra ta'

---

[11] Xhieda tal-imputat moghtija fit-23 ta' Frar 2010, pg 4.
[12] A Mamo Lectures in Criminal Law, Vol. I, pg 129.

partecipazzjoni u cioe` li wiehed jghin jew jassisti lill-awtur tar-reat bi kwalunkwe mod iehor huwa essenzjali li l-komplici jkun ghamel dan xjentement: "[I]t is essential that the accomplice should have acted knowingly, that is with the consciousness and intention of cooperating for the perpetration of the offence. If a man does an innocent act of which another takes advantage to commit an offence, that man is not guilty as an accomplice. After all this is only an application of the general principle which we have already mentioned that there cannot be guilty participation without proof of a 'common design' between the parties for the commission of the offence."[13]

"L-appellant fl-ebda hin ma offra rigali, weghdiet jew b'xi mod iehor ghen lil Micallef fl-atti biex jigi kommess ir-reat ta' truffa. Ibda biex kif anke hareg mill-istqarrija u aktar tard mix-xhieda is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) intalbet minn Salvu Micallef u mhux giet offerta minn Emanuel Farrugia spontanjament lil Micallef. F'mohhu l-appellant kellu li huwa kien talab servizz (li kien jaqa' fl-ambitu tal-legalita`) lil Micallef u li ta' dan is-servizz Micallef talab hlas. Din l-idea hija korroborata mill-fatt li Farrugia talab ricevuta tal-hias tal-elf ewro (€1,000) li huwa kien ghamel. Wiehed jistaqsi x'kien 1-iskop li Farrugia jitlob ricevuta jekk huwa kien qieghed joffri xi haga spontanja u jekk fl-istess hin hu kien konxju li dawk il-flus kienu qeghdin jigu mghoddija lil Micallef biex jaghmel xi haga li kienet wahda illegali?! Jekk verament dan il-pagament kien qieghed isir ghall-skopijiet illegali, is-sens komun kien jitlob li ma jkun hemm 1-ebda prova skritta tal-hlas. Min-naha tieghu Micalief ma riedx li jkun hemm prova bil-miktub ta' dan il-pagament u ra kif ghamel biex ikkonvinca lil Farrugia halli ma jkomplix jinsisti ghall-ircevuta. Farrugia stqarr mal-Pulizija u anke ikkonferma bil-gurament: *"Kont staqsejtu ghall-ircevuta, imma hu kien qalli li ma kienx hemm ghalfejn. Infatti saqsieni jekk kelliex fiducja flh."*[14] Huwa ghalhekk li t-talba ghar-ricevuta min-naha ta' Farrugia tkompli tirrijafferma l-ingenwinita` u n-nuqqas ta' intenzjoni tieghu biex jikkollabora ghal dak li kien qieghed iwettaq Micallef.

"Huwa minnu li l-appellant dahallu dubju; pero` l-fatt li dahallu dubju ma jfissirx li dan jista' jikkwalifika ghall-prova tal-volonta` li huwa ried li jigi frodat il-Gvern ta' Malta. Tali dubju ma jistax jikkwalifika bhala "actual knowledge or reasonable anticipation" ta' dak li kien qieghed jaghmel Micallef. L-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat wkoll li kien hemm komplicita` tal-imputat ghaliex skont hi: *"hu iffirmaha [b'riferenza ghad-dikjarazzjoni tal-VAT] b'mod li kien jaf ezattament x'kien qed isir u konsegwentement irrenda lilu nnifsu komplici tar-reat li gie kommess."*[15] Jekk pero` wiehed jqabbel il-firma fuq l-istqarrija Dokument IJA 1 (li hija l-firma proprja ta' Emanuel Farrugia) ma' dawk fuq id-Dokumenti IJA 2 u IJA 3 johrog bic-car li 1-firem ma jaqblux ma' xulxin u huwa car li mhumiex maghmula minn Emanuel Farrugia. Il-firma fuq id-dokument IJA 3 u li skont 1-ispettur Abdilla kienet il-formola korretta li suppost intbaghtet lid-Dipartiment lanqas ma fiha l-firma ta' Emanuel Farrugia. Dan ifisser ghalhekk li hija possibbli li ghalkemm il-formola tkun

---

[13] A. Mamo (ibid) pg 132.
[14] Stqarrija tal-Imputat, fol 416.
[15] Pagna 9 tas-sentenza.

tghajjat lill-persuna registrata, din tista' ma tigix iffirmata mill-istess persuna registrata izda minn persuna awtorizzata minnha. Difatti il-firma fuq id-dokument IJA 3 tidher li hija ta' wahda kunjomha "Sammut".[16]

"Ta' min jenfasizza li filwaqt li l-Prosekuzzjoni gabet prova li l-firma fuq l-istqarrija kienet dik tal-imputat[17], ma ingabet l-ebda prova li l-firma fuq id-**Dokument IJA 2** u l-firma fuq id-**dokumenti JH 1** (esebiti minn Joanna Hefny minn fejn jirrizultaw il-krediti l-ohra) hija dik ta' Emanuel Farrugia. Li kieku l-firem saru tabilhaqq mill-appellant inniffsu, dawn kienu jkunu identici jew tal-anqas jixxiebhu. Izda l-firem huma ghal kollox differenti.

"Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u ta' dawn id-dubji, l-Ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx tasal ghall-htija tal-appellant fuq firma li mill-atti ma jirrizultax li hija mija fil-mija ta' Emanuel Farrugia. Aktar u aktar ma setghetx tasal ghal din il-konkluzjoni meta fis-sentenza taghha stess l-Ewwel Qorti iddikjarat li l-appellant ma kienx ipprepara d-denunzja huwa inniffsu.[18]

"Il-Qorti kienet wkoll skorretta meta iddikjarat li l-appellant bil-fors iltaqa' ma' Micallef aktar minn darbtejn biex jiffirma d-denunzji. Minbarra li mill-atti johrog li tali denunzji jistghu jigu iffirmati minn persuni awtorizzati u mhux mill-persuna registrata mad-Dipartiment, f'din l-asserzjoni taghha l-Qorti naqset li tqis il-fatt — li ma giex kontestat — li l-appellant kien ta prokura lil Salvu Micallef biex fi kliem l-appellant *"jkun jista' jigbor ir-return minghand l-accountant tieghi u jiehu hsieb jehodha hu [lid-Dipartiment tal-VAT]."*[19] Din il-prokura effettivament giet uzata ghaliex l-appellant jistqarr li: *"naf li ta' l-inqas darba s-segretarja ta' l-accountant zgur li tatu 1-karti tieghi"*[20] La darba kien hemm il-prokura, Farrugia ma kellux ghalfejn jiffirma huwa stess id-dikjarazzjoni. Huwa ghalhekk li l-firma tal-appellant ma tidhirx fuq id-dokument li gie pprezentat lid-Dipartiment. Aktar u aktar ghalhekk il-qorti ma setghetx tibbaza s-sejbien tal-htija fuq din il-firma. Dan aktar ikompli jsahhah it-tezi tal-appellant li 1-livell ta' prova rikjest sabiex 1-imputat jinstab hati u jinghata piena karcerarja effettiva ma intlahaqx.

"Huwa sottomess ghalhekk li l-ewwel aggravju jirrizulta gustifikat fl-interita` tieghu."

**8.** Issa, l-ewwel Qorti, wara li rreferiet għal dak li jgħid Antolisei u għal xi ġurisprudenza tagħna dwar ir-reat ta' truffa, ġibdet is-segwenti konklużjonijiet:

---

[16] Ara fol. 418.
[17] Giet konfermata kemm mill-Ispettur Abdilla (Xhieda tat-18 ta' Jannar 2010) u mill-PS 494 Gordon Borg (Xhieda tas-7 ta' Mejju 2010).
[18] Pagna 9 tas-sentenza
[19] Stqarrija tal-imputat, fol. 416.
[20] Ibid.

> "Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-imputat ried, akkost ta' kollox, li ma jhallasx it-taxxa dovuta minnu minn meta beda jahdem ma' kumpanija maltija u kien ghalhekk li minkejja dak li qalulu zewg *accountants* baqa' biex mar ghand dan Salvu Micallef. Is-soluzzjoni li tah Micallef kien li jikkrea kreditu immaginarju li permezz tieghu seta' jpaci t-taxxa dovuta. Biex isir dan kellha tigi preparata u mibghuta lid-Dipartiment denunzja differenti minn dik li kienet diga` preparata (x'aktarx mill-accountant) b'mod li f'din it-tieni denunzja kien ser jirrizulta kreditu immaginarju favur l-imputat fl-ammont ta' €4596.74. Dan il-kreditu (flimkien ma' krediti ohra dikjarati mill-imputat) effettivament intuza biex jibbilancja debiti li l-imputat kellu mad-Dipartiment.
>
> "Illi ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kull wahda mill-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa jirrizulta minn dan il-kwadru ta' fatti. Jirrizulta ukoll li ghalkemm ma kienx l-imputat li prepara d-denunzja hu ffirmaha b'mod li kien jaf ezattament x'kien qed isir u konsegwentement irrenda lilu nnifsu komplici tar-reat li gie kommess. Din it-tielet imputazzjoni ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata."

**9.** Jiġifieri l-ewwel Qorti speċifikatament sabet ħtija fl-appellant għal kompliċita` fir-reat ta' truffa. Filwaqt illi huwa minnu li ċ-ċirkostanzi ta' kif f'dan il-każ inħoloq kreditu immaġinarju jattaljaw perfettament mar-reat ta' truffa, din il-Qorti, minn eżami li għamlet tal-provi, mhijiex sodisfatta illi ġie ppruvat il-*common design* meħtieġ biex jista' jingħad illi l-appellant irrenda ruħu kompliċi f'dak ir-reat speċifiku ta' truffa. Għall-finijiet ta' dik li hi l-verżjoni ta' l-appellant, iridu jittieħdu flimkien l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija – li ma ġietx kontestatata – u dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti.

**10.** L-ewwelnett, filwaqt illi jirriżulta illi l-appellant kellu xi kont pendenti mad-Dipartiment tal-VAT, jirriżulta wkoll illi huwa kien ilu żmien twil jitħabat sabiex jieħu *refund* ta' VAT fuq spejjeż li kien irrinkorra meta kien jaħdem barra minn Malta. Kull fejn idur, pero`, kienu jgħidulu li "ntilfu". Impjegat ta' l-appellant kien offra li jieħdu għand persuna li forsi setgħet tgħinu. Fil-fatt ħadu għand ċertu Salvu Micallef. L-appellant spjegalu s-sitwazzjoni tiegħu u, skond l-appellant, dan Salvu Micallef qallu li "jipprova" jġibhomlu iżda mhux daqshekk malajr għax iridu jintbagħtu ħafna ittri għax għadda ħafna żmien. Mill-provi ma jirriżulta minn imkien li dan Micallef, kif tgħid l-ewwel Qorti, tah bħala soluzzjoni "li jikkrea kreditu immaginarju li permezz tieghu seta' jpaci t-taxxa dovuta". Difatti minn imkien ma jirriżulta illi Micallef qal lill-appellant <u>kif</u> se jipprova jġiblu r-rifużjoni tal-VAT.

**11.** L-appellant, mistoqsi kif baqa' wara dik l-ewwel laqgħa, jekk waslux f'xi ftehim jew jekk baqgħux li ħa jara, l-appellant qal li baqgħu "issa ħa jara". Jgħid li

Micallef talbu, u l-appellant ħadlu, kopji ta' l-irċevuti kollha li kellu. Talbu wkoll elf euro (€1,000) bil-quddiem u elf euro (€1,000) oħra jekk iġiblu l-flus ta' barra. L-appellant jgħid li lil Micallef talbu rċevuta ta' l-elf euro (€1,000) iżda Micallef qallu li m'hemmx għalfejn. Jidher li kien meta Micallef ma tahx rċevuta li l-appellant ssuspetta "li l-affarijiet ma kinux bis-sew". Iżda jibqa' l-fatt li la f'dak il-mument u lanqas f'ebda mument sussegwenti ma jirriżulta li Micallef qallu x'kellu l-ħsieb li jagħmel. Fil-fatt lanqas hemm prova li meta l-appellant mar għand Micallef l-ewwel darba biex jispjegalu s-sitwazzjoni tiegħu, Micallef kien iddeċieda kif se jipproċedi. Kull ma jirriżulta mix-xiehda ta' l-appellant hu li qallu li kien se jkollu jikteb ħafna ittri.

**12.** L-appellant xehed illi madwar sena wara ċempillu Micallef biex imur għandu. Meta mar, Micallef talbu prokura biex ikun jista' jiġbor ir-*return* mingħand l-*accountant* tiegħu u jieħu ħsieb jeħodha hu. Kemm waqt l-istqarrija kif ukoll fix-xiehda tiegħu l-appellant jgħid li dak li ffirma kienet prokura. Minn meta ffirmalu l-prokura sakemm bagħtu għall-appellant il-Pulizija, Micallef ma reġax kelmu.

**13.** L-ewwel Qorti tgħid illi l-appellant iffirma d-denunzja (b'referenza għad-denunzja għall-perijodu 1 ta' Ġunju 2008 sal-31 ta' Awwissu 2008). Dan, pero`, ma jirriżultax lil din il-Qorti. Dan mhux biss għax, kif ingħad, l-appellant qal *a tempo vergine* u anke fix-xiehda tiegħu li kien iffirma prokura, iżda anke peress illi l-firma fuq id-denunzja msemmija ma ġiet identifikata minn ħadd. L-unika firma li ġiet identifikata bħala ta' l-appellant hija dik fuq l-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija u li m'għandha x'taqsam xejn ma' dik fuq l-imsemmija denunzja. Din il-Qorti eżaminat ukoll id-denunzji esebiti minn Joanne Hefney f'isem id-Dipartiment tal-VAT, u anke hawn, filwaqt illi tnejn minnhom jidhru ffirmati minn xi ħadd Sammut, l-ebda waħda mill-firem fid-denunzji l-oħra ma ġiet identifikata bħala ta' l-appellant u ma jixxibhux lanqas remotament ma' dik ta' l-appellant.

**14.** Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali ċċita l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Minn kif ġiet impostata l-imputazzjoni mill-Pulizija Eżekuttiva jidher li l-prosekuzzjoni kellha f'moħħha li takkuża lill-appellant b'kompliċita` skond il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 42. Għalkemm jintużaw ukoll il-kliem "b'mezz ta' rigali, wegħdiet", kliem meħudin mill-paragrafu (b) ta' l-artikolu 42 imsemmi, dak il-paragrafu (b) jirreferi għal min "iġiegħel" (fit-test Ingliż "instigates") li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, eċċ. L-appellant ma ġiex akkużat li "ġiegħel" id-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet. Fi kwalunkwe każ dak li rriżulta f'dan il-każ hu li kien Micallef li talab lill-appellant ħlas għas-servizzi li kien se jirrendilu. Kwantu mbagħad dak li jipprovdi l-paragrafu (d), minn dak sottolineat qabel, ma ġiex pruvat li l-atti li għamel l-appellant li jagħti prokura lil Micallef, jgħaddilu d-

dokumentazzjoni u jħallsu s-somma mitluba minn Micallef stess, għamilhom bl-intenzjoni li jgħin jew jassisti lil Micallef fil-kommissjoni tar-reat ta' truffa. Saħansitra, kif ukoll ġie enfasiżżat, lanqas ma jirriżulta li ffirma xi waħda mid-denunzji. Għalhekk ma jistax jingħad illi l-appellant b'xi mod pparteċipa fl-imsemmi reat. Il-konġettura jew supposizzjoni li seta' kien il-kuntrarju ma tista' qatt tikkostitwixxi prova.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu ma sabitux ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni u in kwantu kkundannatu tlettax-il xahar priġunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) ta'l-istess Kapitolu 9 ikkundannatu għal hlas ta' multa fl-ammont ta' €4,596.74, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatu wkoll biex fi żmien sena jħallas is-somma ta' €1,424.47 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti, u minflok tiddikjarah mhux ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni u b'hekk tilliberah ukoll minn dik l-imputazzjoni u minn kull piena.